**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 9 ta' Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 87/2017 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi minn relazzjoni barra z-zwieg li l-esponenti A B kellha mal-intimat C D, twieldet il-minuri E fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001), li llum ghandha l-eta' ta' hmistax (15)-il sena – certifikat tat-twelid qed jigi anness u market bhala Dokument 'A'.*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ilha li ntemmet circa hmistax (15)-il sena ilu, u l-minuri minn dejjem ghexet u ghadha tghix mar-rikorrenti.*

3. *Illi l-manteniment pagabbli mill-intimat ghall-minuri gie regolat pendente lite permezz ta' digriet moghti mnn din l-Onorabbli Qorti datat tletttax (13) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tal-medjazzjoni numru 1439/16, liema digriet gie sussegwentament rivedut permezz ta' digriet datat sitta (6) ta' Marzu, tas-sena elfejn u sbatax (2017) – digrieti annessi u markati bhala dokumet 'B' u dokument 'C'.*

4. *Illi minkejja d-digrieti surreferiti, l-intimat baqa' joggezzjona illi jhallas lir-rikorrent il-manteniment hemm iffissat u ordnat li jithallas a favur bintu minuri.*

5. *Illi l-intimat qed jirrifjuta li jersaq ghall-iffirmar ta' kuntratt notarili li permezz teghu jigu regolati definittivament il-pendenzi kollha dwar il-wild minuri, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

6. *Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra l-intimat, skont kif jirrizulta minn dokument gja anness immarkat bhala dokument 'B' u minn dokument hawn anness u mmarkat bhala dokument 'D'.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

i. *Tafda lir-rikorrenti bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E D, salv l-access tal-intimat ghall-istess bint minuri, u bi provvediment dwar kif ghandu jigi ezercitat l-access fil-festi u f'jiem partikolari tas-sena;*

ii. *Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti l-ammont ta' mhux anqas minn erba' mitt Ewro (€400) bhala manteniment ghall-minuri E D, jew*

*kwalunkwe somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, w ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;*

iii. *Tordna illi l-ispejjez ta' sahha, tal-edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u dan immedjatament mal-prezentatat tar-ricevuti in kwistjoni lill-intimat mir-rikorrenti;*

iv. *Tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti l-arretrati tal-manteniment min meta twieldet il-minuri E D, u cioe mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001), kif ukoll arretrati ta' sehem l-intimat mill-ispejjez tas-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri mid-data tat-twelid taghha, u kull eventwali spiza tal-minuri fil-mori tal-proceduri odjerni;*

v. *Tordna li c-children's allowance jew beneficcji ohrajn li ghandhom x'jaqsmu mal-miuri li jinghataw mill-Gvern ghandhom jithallsu lir-rikorrenti biss;*

vi. *Tordna illi l-passaport tal-minuri ghandu dejjem jibqa' f'idejn ir-rikorrenti u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi;*

vii. *Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-wild minuri fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportune li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi fl-ewwel lok ma hemm l-ebda raguni valida ghala l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tal-partijiet, E, ghandha tigi fdata unikament lill-attrici. Ir-relazzjoni ta' bejn l-esponent u bintu dejjem kenet wahda tajba, u l-esponent qatt ma naqas milli jpoggi l-interessi taghha l-ewwel u ghaldaqstant il-kura u kustodja tat-tfal ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet, u mhux tigi assenjata lil xi parti jew ohra fl-interess tal-minuri, u ghaldaqstant l-ewwel talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.*

2. *Illi mhux minnu li l-minuri tghix mal-attrici jew li l-esponent qatt ma kkontribwixxa ghal bintu. Prezentament E qed tqassam hinha bejn iz-zewg partijiet, fis-sens illi mill-Gimgha wara l-iskola sat-Tnejn tmur toqghod id-dar tal-esponenti, u l-bqija tal-gimgha tghix fir-residenza tal-omm. L-esponent u n-nanniet paterni jiehdu hsieb ukoll li jwasslu lil E ghal-lezzjonijiet tal-privat kif ukoll ghal-futball, kemm ghal-loghob kif ukoll ghal lezzjonijiet, kif ikun mehtieg.*

3. *Illi ghaldaqstant fil-hin li tqatta mal-esponent, hu jaghti l-kontribut tieghu ghall-ispejjez tal-minuri u hu ghamel dan ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq illi l-esponent ghandhom jithallsu xi arretrati, ghandu jigi tenut kont tal-ispejjez kollha inkorsi mill-esponent matul dawn il-hmistax-il sena.*

4. *Illi fi hmistax-il sena l-ebda parti ma talbet manteniment lill-parti l-ohra minkejja li l-ftehim verbali bejn il-partijiet kien li kulhadd igorr l-ispejjez tieghu. L-esponent lanqas qatt ma talab nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri meta dawn gew imhallsa unikament minnu. Certament mhumiex dovuti arretrati ta' manteniment meta il-minuri dejjem kienet taghmel nofs il-hin mal-esponent u ghaldaqstant ir-raba' talba ghandha tigi mchuda blispejjez kontra l-attrici.*

5. *Illi l-esponent xorta offra ammont ta' manteniment, minkejja inqas, sabiex jaderixxi ma dak ordnat mill-Qorti permezz tad-digriet taghha datat 6 ta' Marzu 2017 (Dok C prezentat mar-rikors promotur), in vista tal-paga baxxa tieghu, izda din giet irrifjutata mill-attrici.*

[2] Fol. 14.

6. *Illi l-attrici ma tipercepixix l-ebda beneficcju socjali stante illi ghandha paga sostanzjali ta' €1700. L-ammont ta' manteniment kif mitlub mill-atrici mhux possibbli illi jithallas mill-esponent stante illi ghandu paga ferm baxxa. Ghaldaqstant jekk din l-Onorabbli Qorti tara li hemm lok ta' manteniment, ghandu jigi tenut kont id-dhul tal-esponent.*

7. *Illi l-esponent dejjem kien dispost jasal ghal ftehim mal-attrici, sahansitra talab sabiex jinbdew procedure ta' medjazzjoni, liema procedure ghadhom pendenti (Ittra Nru 575/2017 fl-ismijiet C D vs A B). Ghaldaqstant l-esponent m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ladarba kien lest jasal ghal ftehim bonarju.*

8. *Salv risposti ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri,[3] li għandu n-numru progressiv 2330 tas-sena 2001;

Rat id-digriet datat 13 ta' Jannar 2017,[4] fejn il-Qorti ordnat: (i) lil C D iħallas lil A B is-somma ta' €450 bħala manteniment *pendente lite* għal minuri, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u dan b'effett mid-9 ta' Diċembru 2016, u (ii) li l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, filwaqt li għalqet il-proċess tal-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat id-digriet tas-6 ta' Marzu 2017,[5] fejn il-Qorti varjat *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar 2017 u ordnat lil C D iħallas lil A B is-somma ta' €400 fix-xahar bħala manteniment *pendente lite* għal minuri, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u dan b'effett mid-9 ta' Diċembru 2016, filwaqt li kkonfermat il-bqija tad-digriet tagħha fl-intier tiegħu;

---

[3] Fol. 5.
[4] Fol. 6.
[5] Fol. 7.

Rat id-digriet tad-9 ta' Ottubru 2017,[6] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi u: (i) iddikjarat li l-manteniment li għandu jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut pperċepit minn BT Commercials Malta huwa dak ta' €400 fix-xahar, liema manteniment għandu jawmenta kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, u (ii) ordnat lil BT Commercials Malta sabiex tnaqqas mis-salarju tal-intimat is-somma in kwistjoni u jitħallas diretament lill-attriċi fil-kont bankarju ntestat f'isimha;

Rat id-digriet tal-15 ta' Lulju 2021,[7] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenut fis-sens illi rrevokat id-digrieti tagħha tat-13 ta' Jannar 2017 u 6 ta' Marzu 2017 b'dana illi ġie ddikjarat li l-konvenut m'għadux iktar obbligat li jipprovdi manteniment lil għal bintu b'effett mit-23 ta' Ottubru 2019 u dan fid-dawl ta' Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li ddikjarat li l-konvenut huwa obbligat li jgħaddi l-arretrati kollha ta' mateniment dovuti minnu;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[8] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[9]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieldet E D nhar it-28 ta' Mejju 2001. Jidher illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn u fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċat tgħix xi ġranet mal-attriċi u oħrajn mal-konvenut. Minkejja li l-konvenut ġie ordnat iħallas manteniment għal bintu, mill-atti jirriżulta li huwa naqas milli jagħmel dan.

[6] Fol. 40.
[7] Fol. 308.
[8] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2017, a fol. 17.
[9] Fol. 372.

Għalhekk l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward uliedha minuri tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, salv li jiġi regolat l-aċċess għal minuri;

ii. Tillikwida manteniment adegwat għal minuri, fis-somma ta' €400, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex iħallas tali manteniment kif likwidat kif ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

iii. Tordna lill-konvenut iħallas l-arretrati ta' manteniment u sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, u dan mid-data tat-twelid tal-minuri;

iv. Tordna li l-passaport tal-minuri ikun f'idejn l-attriċi;

v. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa li jikkonċernaw, *inter alia,* is-safar, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi, u extra-kurrikulari.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut joġġezzjona għat-talbiet kif dedotti, għaliex skont ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-kura u kustodja għandha tkun vestita f'idejn l-attriċi b'mod esklussiv, filwaqt li huwa jisħaq illi meta l-minuri tkun miegħu huwa joħroġ is-sehem tiegħu finanzjarju u għalhekk m'għandux iħallas manteniment lill-attriċi.

## 2. Mertu Eżawrit tal-Kura, Kustodja, Aċċess, *Children's Alowance* u Passaport ta' Bint il-Minuri:

Il-Qorti rat illi bint il-partijiet twieldet nhar it-28 ta' Mejju 2001, b'dana illi fil-preżent E D għandha wieħed u għoxrin (21) sena, u b'hekk hija maġġorenni. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi fis-seduti quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ġie ddikjarat illi E D hija fil-fatt maġġorenni u li l-mertu ġie kważi eżawrit.[10] Tenut

[10] *Vide* s-seduta ta' nhar it-3 ta' Frar 2020, a fol. 256.

kont tal-premess, il-Qorti tara illi l-kwistjonijiet ta' kura, kustodja, aċċess, *children's allowance* u passaport ġew eżawriti u b'hekk mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom

## 3. Talba għal Manteniment u Arretrati ta' Manteniment:

Permezz ta' affidavit,[11] l-attriċi f'dan ir-rigward tikkontendi illi *"il-komportament tabilhaqq irresponsabbli da parti ta' C wassal ghat-tmiem tar-relazzjoni ta' bejnietna f'Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003). Sussegwentament ghal dan, jien gejt fdata de facto bil-kura u l-kustodja ta' bintna minuri. C ken jaraha biss fil-weekend. In kwantu dak li jirrelata mal-ispejjez inkorsi versu l-bzonnijiet ta' E, dawn kienu unikament sapportati minni. Il-bzonnijiet gjornalieri kolha taghha, bzonnijiet ancillari, spejjez relatati ma' sahha, dawk edukattivi u kwalunkwe spiza ohra – dawn kollha kont naghmel tajjeb ghalihom jien wahdi"*.[12] Tispjega ukoll illi meta binthom bdiet l-iskola sekondarja, il-konvenut beda jkopri għall-ispejjeż edukattivi u għal numru ta' snin kopra ukoll l-ispejjeż extra-kurrikulari.

Min-naħa l-oħra l-konvenut fix-xhieda tiegħu,[13] jgħid illi *"Minn mindu ħareġ id-digriet ta' manteniment ta' €400 fix-xahar jien ma stajtx inħallas u għalhekk lit-tifla kont ntiha €50 fil-ġimgħa u dan direttament lit-tifla u mhux lill-omm. Riċentament ħallast €1600 f'arretrati ta' manteniment u dan permezz ta' self li għamilt"*.[14] Barra minn hekk il-Qorti tara illi fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenut spjega illi bintu mhux vera għixet ma-attriċi, iżda din kienet taqsam ħinha bejn iż-żewġ partijiet fis-sens illi mill-Ġimgħa wara l-iskola sat-Tnejn din tirrisjedi mal-konvenut, u l-bqija tal-ġranet mal-attriċi. Għalhekk iżid jgħid illi huwa dejjem ikkontribwixxa finanzjarjament għal bintu għaliex meta din tkun miegħu, huwa jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Jikkontendi illi kien hemm ftehim verbali bejniethom illi kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha, tant illi qatt ma ntalab manteniment fi ħmistax-il sena.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara illi fil-preżent bint il-partijiet għandha wieħed u għoxrin (21) sena, u minn *employment history* ta' bint il-partijiet kif ippreżentata jidher illi E D ħadmet hekk: (i) mal-Housing Authority fuq bażi ta'

[11] Fol. 49.
[12] *Ibid.*
[13] Fol. 243.
[14] *Ibid.*

*part-time* bħala *student officer* mill-15 ta' Lulju 2019 sal-preżent, (ii) ma' Gio Batta Delia fuq bażi *full-time* bħala *shop sales assistant* mit-23 ta' Ottubru 2019 sas-6 ta' Novembru 2019, u (iii) ma' Kerber Security Limited fuq bażi *full-time* bħala *assistant clerk* mill-11 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Mejju 2021.[15] Il-Qorti tara ukoll li mix-xhieda ta' Mary D,[16] jingħad illi bint il-partijiet kienet tmur għand ommha mill-Ġimgħa sal-Ħadd u l-bqija tal-ġimgħa kienet tgħix fid-dar tagħha u li fil-preżent hija tinsab tistudja l-Universita' ta' Malta.

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward, hija sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kwistjoni ta' manteniment u arretrati tal-istess. Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

[15] Fol. 276, 326.
[16] Fol. 328.

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[17] li għallmet illi:

*"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

[17] Deċiza mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[18] spjegat illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel"*. B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi:

i. Għal-likwidazzjoni u ordni għal ħlas ta' manteniment, il-Qorti kkunsidrat illi minkejja li bint il-partijiet hija maġġorenni hija xorta waħda għadha ma laħqitx l-eta' ta' 23 sena. Mill-atti ppreżentati, il-Qorti tara illi bint il-partijiet għamlet xi żmien taħdem fuq bażi *full-time*, iżda jidher li hija għadha taħdem fuq bażi *part-time* bħala *student officer* mal-Housing Authority. Magħdud ma' dan, in-nanna paterna ta' bint il-partijiet ikkonfermat illi fil-preżent din tinsab tistudja l-Universita' ta' Malta – liema verżjoni ma ġietx ikkorraborata permezz ta' provi oġġettivi, u lanqas kontradetta mill-partijiet.

   Għalhekk fid-dawl tal-premess u sabiex id-drittijiet ta' E D jiġu ssalvagwardjati, il-Qorti tordna li f'każ li l-istess E D mhux qiegħda taħdem fuq bażi *full-time*, iżda għażlet li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li laħqet l-eta' maġġorenni, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa w sebgħin ewro (€275) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li bint il-partijiet qiegħda jew tagħżel li tmur tgħix għal rasha, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

[18] Deċiza mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

Il-Qorti tispjega illi hija waslet għal tali ċifra abbażi tal-fatt illi l-partijiet ma resqu l-ebda prospett tal-bżonnijiet attwali li għandha binthom u għalhekk iffissat il-manteniment bażiku li hija tagħti fis-sentenzi tagħha. Fil-fehma tagħha u tenut kont tan-nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, hija tara li ċ-ċifra ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar kif mitluba mill-attriċi hija waħda eċċessiva. Barra minn hekk, il-Qorti tara li tinsab sprovvista mill-prova tal-introjtu tal-partijiet. Huwa minnu li l-Qorti għandha quddiemha kopja tal-FS3 tal-konvenut għas-sena li għalqet fl-2015, iżda minn dakinhar 'l hawn jidher li l-konvenut biddel l-impjieg tiegħu.[19]

ii. <u>Għall-arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni ta' bint il-partijiet</u>, il-Qorti tara li din hija kwistjoni kombattuta għaliex fil-fehma tal-konvenut huwa ma għandux iħallas tali għaliex skontu huwa dejjem ikkontribwixxa finanzjarjament sakemm bintu kienet qiegħda miegħu. Madanakollu, il-Qorti tara li ma hemm l-ebda prova li bint il-partijiet kienet taqsam il-ħin tagħha bejn iż-żewġ partijiet u dan mingħajr residenza permanenti. Barra minn hekk, il-Qorti tara ukoll li l-verżjoni tal-konvenut illi bintu kienet tgħix miegħu mill-Ġimgħa wara l-iskola sat-Tnejn filgħaxija tinsab kontradetta mix-xhieda ta' ommu li kkonfermat illi l-bint kienet toqgħod magħhom matul il-ġimgħa. Għaldaqstant il-verżjonijiet ma humiex konsistenti u l-Qorti ma għandha ebda għażla ħlief li temmen illi bint il-partijiet kienet tirrisjedi fid-dar ta' ommha, b'dana li kien hemm drabi li kienet tmur għand missierha fid-dar tan-nanniet paterni tagħha.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti temmen illi l-konvenut kellu kull obbligu illi jħallas manteniment għal bintu, u ma seta' qatt jinjora ordni tal-Qorti b'mod leġġer u dan irrespettivament id-diffikultajiet tiegħu. Fil-fatt kien il-konvenut stess li kkonferma fix-xhieda tiegħu illi huwa ma ħallasx manteniment għal bintu. Barra minn hekk, il-Qorti tara illi minkejja li ġew ippreżentati diversi karti mediċi bl-intiża li l-konvenut jagħti x'jifhem illi jbati minn diversi kundizzjonijiet, jibqa' l-fatt illi l-konvenut ma ressaq lil ebda espert fil-qasam sabiex jispjega l-istess. Il-Qorti tfakkar illi wieħed mhux ta' kemm iressaq provi dokumentarji, imma għandu l-obbligu illi jispjega l-istess. Għalhekk mingħajr ebda prova konkreta, il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni sabiex tasal għal konklużjoni illi l-konvenut għandu xi impediment milli jaqla' l-għixien tiegħu.

[19] *Vide* x-xhieda tiegħu a fol. 243 fejn ikkonferma li huwa qiegħed jaħdem mal-Ford Pest Control.

Għalhekk, il-Qorti tara li fil-każ għandu japplika l-prinċipju addottat fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**,[20] u b'hekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas manteniment fix-xahar ta' €275 b'effett mid-data tat-twelid ta' E D sal-preżent. Dan ifisser illi l-konvenut kellu jħallas is-somma globali ta' wieħed u sebgħin elf, seba' mija, ħamsa w sebgħin ewro (€71,775).[21] Il-Qorti tara li minn tali somma, għandha titnaqqas is-somma ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) u dan kif iddikjarat mill-attriċi stess.[22] Għalhekk, il-konvenut għandu jħallas lil attriċi s-somma ta' disgħa w sittin elf, tlett mija u ħamsa w sebgħin ewro (€69,375) rappreżentanti arretrati ta' manteniment, inkluż sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, minn Mejju 2001 sa Jannar 2023.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, il-ħames, is-sitt u s-seba' talba tal-attriċi stante li l-mertu ġie eżawrit fil-mori tal-proċeduri;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba, b'dana illi tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lil konvenut sabiex iħallas ukoll is-somma ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni kull xahar u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa w sebgħin ewro (€275) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li bint il-

[20] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2).
[21] Dan ġie kkalkulat: 261 xahar (minn Mejju 2001 sa Jannar 2023) x €275.
[22] Fol. 313.

partijiet qiegħda jew tagħżel li tmur tgħix għal rasha, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

3. Tiċħad it-tielet talba stante illi sehem il-konvenut mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni ttieħdu in konsiderazzjoni mas-somma tal-manteniment fit-tieni talba;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna lil konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' disgħa u sittin elf, tlett mija u ħamsa u sebgħin ewro (€69,375) rappreżentanti arretrati ta' manteniment, inkluż sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, minn Mejju 2001 sa Jannar 2023.

Bl-ispejjeż għandhom jitħalsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.